

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Marzu 2013 — Event vs UASI — CBT Comunicación Multimedia (eventer EVENT MANAGEMENT SYSTEMS)**

(Kawża T-353/11) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva eventer EVENT MANAGEMENT SYSTEMS — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti Event — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)*

(2013/C 129/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Event Holding GmbH & Co. KG (Köln, il-Ġermanja) (rappreżentanti: G. Schoenen u V. Töbelmann, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: CBT Comunicación Multimedia, SL (Getxo, Spanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tad-29 ta' Marzu 2011 (Każ R 939/2010-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Event Holding GmbH & Co. KG u CBT Comunicación Multimedia, SL

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Event Holding GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 252, 27.08.2011

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Marzu 2013 — Ruse Industry vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-489/11) <sup>(1)</sup>

*(“Għajnuna mill-Istat — Għajnuna mogħtija mill-Bulgarija fil-forma ta’ abbandun ta’ djun — Deċiżjoni li tiddikjara din l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u torċna l-irkupru tagħha — Għajnuna ġdida — Distorsjoni tal-kompetizzjoni — Obbligu ta’ motivazzjoni”)*

(2013/C 129/35)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

**Partijiet**

Rikorrenti: Ruse Industry (Ruse, il-Bulgarija) (rappreżentanti: A. Angelov u S. Panov, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Urraca Caviades u D. Stefanov, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/706/UE, tat-13 ta' Lulju 2011, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.28903 (C-12/2010) (ex N 389/2009) mogħtija mill-Bulgarija lil Ruse Industry (ĠU 2012, L 320, p. 27).

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Ruse Industry AD għandha tbatli l-ispejjeż tagħha, kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, inkluż dawk marbuta mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

<sup>(1)</sup> ĠU C 347, 26.11.2011.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Marzu 2013 — El Corte Inglés vs UASI — Chez Gerard (CLUB GOURMET)**

(Kawża T-571/11) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali CLUB GOURMET — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti CLUB DEL GOURMET, EN... El Corte Inglés — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta’ xebh tal-prodotti u tas-servizzi — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Argomenti u provi prodotti għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali”)*

(2013/C 129/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: El Corte Inglés, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: E. Seijo Veiguela u J. L. Rivas Zurdo, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: Ó. Mondéjar Ortuño, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Groupe Chez Gerard Restaurants Ltd (Londra, ir-Renju Unit)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-28 ta' Lulju 2011 (Każ R 1946/2010-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn El Corte Inglés, SA u Groupe Chez Gerard Restaurants Ltd.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *El Corte Inglés, SA, hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 13, 14.01.2012.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2013 — Yueqing Onesto Electric vs UASI — Ensto (ONESTO)**

(Kawża T-624/11) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Reġistrazzjoni internazzjonali li ssemmi l-Komunità Ewropea — Trade mark figurattiva ONESTO — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti ENSTO — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)*

(2013/C 129/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Yueqing Onesto Electric Co. Ltd (Zhejiang, iċ-Ċina) (rappreżentant: B. Piepenbrink, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: V. Melgar, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Ensto Oy (Porvoo, il-Finlandja) (rappreżentant: F. Teixeira Baptista, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-20 ta' Settembru 2011 (Każ R 2535/2010-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Ensto Oy u Yueqing Onesto Electric Co. Ltd.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Yueqing Onesto Electric Co. Ltd. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 32, 04.02.2012.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Marzu 2013 — Bimbo vs UASI — Café do Brasil (Caffè KIMBO)**

(Kawża T-277/12) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva Caffè KIMBO — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti BIMBO — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Trade mark magħrufa sew fis-sens tal-Artikolu 6a tal-Konvenzjoni ta’ Pariġi — Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)*

(2013/C 129/38)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Bimbo, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: J. Carbonell Callicó, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Café do Brasil SpA (Melito di Napoli, l-Italja) (rappreżentanti: M. Mostardini, G. Galimberti u F. Mellucci, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-15 ta' Mejju 2012 (Każ R 1017/2011-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni kontra Bimbo, SA u Café do Brasil SpA.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Bimbo, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 273, 08.09.2012.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2013 — UOP vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-198/09) (<sup>1</sup>)

*(“Rikors għal annullament — Għajjuna mill-Istat — Nuqqas ta’ interess individwali — Inammissibbiltà”)*

(2013/C 129/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: UOP Ltd (Guildford, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: B. Hartnett u O. Geiss, avukati)